**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Settembru 2019**

**Talba Nru: 260/18 CZ**

**Christopher Caruana (ID 545378 (M)**

**vs**

**John Abela Limited (C 18181) u Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Ltd. (C 31341)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-6 ta' Gunju 2018 u li permezz taghha premettiet:

1. Illi l-attur kien impjegat tas-socjetajiet intimati.
2. Illi l-intimati waqfu li jhallsu ghax-xhur ta' Ottubru u Novembru 2017 kif spjegat ahjar fl-affidavit ta' l-attur hawn anness u mmarkat Dok. FG.

3. Illi l-ammont dovut mill-intimati lill-attur jammonta ta' elf u mitt Euro (€1,100).
4. Illi minkejja li gew interpellati ghall-hlas permezz ta' ittra ufficcjali numru 489/17 nhar it-28 ta' Frar 2017, l-intimati baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attur umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jikkundanna lill-intimati jhallsu lill-attur is-somma ta' elf u mitt Euro (€1,100) in solidum bejniethom bl-imghax skond il-ligi u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali 489/17.

Illi permezz ta' risposta prezentata fis-6 ta' Lulju 2018, is-socjetaja' konvenuta John Abela Ltd. wiegbet, fost risposti ohra, illi:

*omissis*

Illi fit-tieni lok u interament minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, kwasiasi talba ghall-hlas ta' paga hija se mai preskritta ai termini tal-Artikolu 2147 (c) u (d) ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

*omissis*

Illi permezz ta' risposta prezentata wkoll fis-6 ta' Lulju 2018, is-socjeta' konvenuta Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Limited ukoll wiegbet, fost risposti ohra, illi:

*omissis*

Illi fit-tieni lok u interament minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, kwasiasi talba ghall-hlas ta’ paga hija se mai preskritta ai termini tal-Artikolu 2147 (c) u (d) ta’ Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

*omissis*

Illi permezz tal-istess att, din is-socjeta’ konvenuta proponiet ukoll kontro-talba fil-konfront tal-attur.

Illi permezz ta’ risposta ghall-kontr-talba prezentat fl-20 ta’ Lulju 2018, l-attur rikonvezjonat prezenta r-risposta tieghu ghall-kontro-talba.

Illi l-partijiet talbu li dan it-Tribunal l-ewwel jaghti decizoni fuq it-tieni eccezzjoni ta’ kull wahda mis-socjetajiet konvenuti, u cioe’ dwar il-preskrizzjoni, u ghalhekk it-Tribunal f’dan l-istadju mhuwiex mehtieg li jittratta r-risposti l-ohra mressqa mis-socjetajiet konvenuti, kif ukoll il-kontro-talba u r-risposta ghaliha.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra li l-partijiet qablu li tigi deciza t-tieni eccezzjoni ta’ kull socjeta’ konvenuta qabel xejn;

Ra l-affidavit ta' l-attur[1], sema' x-xiehda ta' Joseph Saliba[2].

Ra d-dokumenti prezentati.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni ta' kull socjeta' konvenuta.

Ikkunsidra:

Illi fl-affidavit tieghu, l-attur jghid li huwa mar jahdem bhala xufier tat-trailers mas-socjetajiet konvenuti, li qatt m'ghamlulu kuntratt ta' xoghol. Qal ukoll illi qed jitlob il-hlas tal-paga riferibbli ghal gimaghten fix-xahar ta' Novembru 2016, ammontanti ghal elf u mitt Euro (€1,100).

Illi x-xhud Joseph Saliba esebixxa lista ta' impjegati tas-socjetajiet konvenuti.

Illi gie esebit ukoll il-ktieb tar-ricevuti tal-VAT tal-attur, kif ukoll l-ittra ufficcjali prezentata fit-28 ta' Frar 2017 u notifikata liz-zewg socjetajiet konvenuti.

Illi l-artikolu citat mis-socjetajiet konvenuti f'din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, huwa l-artikolu 2147 (c) u (d) ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi:

---

[1] Fol. 2 et seq.

[2] Fol. 48 et seq. u fol. 58 et seq.

L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sena:

*omissis*

(ċ) l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni oħra mħallsin bix-xahar, tal-artiġjani jew tal-ħaddiema bil-ġurnata, għall-ħlas tal-ġranet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-fornituri li jkollhom jieħdu;

(d) l-azzjonijiet tal-vetturali bl-art jew bil-baħar, imsemmijin fl-artikoli 1628 sa l-1631, għall-ħlas tal-kirjiet jew tal-pagi tagħhom.

Illi huwa ghalhekk car illi l-preskrizzoni li qed jeccepixxu s-socjetajiet konvenuti hija dik ta' sena.

Illi sabiex jigi stabbilit jekk tapplikax il-preskrizzjoni f'dawn iz-zewg sub-artikoli partikolari, jehtieg illi wiehed jara x'kienet in-natura tax-xoghol tal-attur. Is-socjetajiet konvenuti fl-ewwel eccezzjoni taghhom (mhux mertu ta' din is-sentenza) jghidu li l-attur qatt ma kien impjegat maghhom; is-socjetajiet konvenuti fil-provi taghhom s'issa ma gabu l-ebda prova tat-tip ta' impjieg li seta' allegatament kellu l-attur mas-socjetajiet konvenuti.

Illi t-Tribunal ikollu bilfors jirrikorri ghalhekk ghad-dettalji li ta l-attur fl-affidavit tieghu, u cioe' li huwa gie mqabbad igorr oggetti ghall-kumpaniji konvenuti barra minn Malta, senjatament l-Italja.

Illi kwantu ghas-sub-artikolu (c) fuq citat, ma jidhirx li x-xoghol tal-attur jaqa' taht id-definizzjoni ta' seftur. Jista' jkun pero' li jaqa' taht il-kategorija usa ta' 'persuni ohra mhallsin bix-xahar'. F'dan ir-rigward, izda, it-Tribunal m'ghandu l-ebda prova ta' kif l-attur kien jithallas, u cioe' hux bix-xahar jew b'xi modalita' ohra. Lanqas ma jista' jinghad illi l-attur kien artigjan jew haddiem bil-gurnata, ghaliex in-natura tax-xoghol li kellu tindika li ma kienx dan it-tip ta' haddiem. Ghalhekk it-Tribunal ma jistax, bil-provi li ghandu, jsib li l-attur jaqa' taht din il-kategorija ta' haddiema msemmija f'dan is-sub-artikolu.

Illi kwantu ghas-sub-artikolu (d), imbaghad, jirrizulta mill-affidavit tal-attur illi huwa tqabbad jaghmel dan ix-xoghol specifikament bhala impjegat, u mhux bhal vettural. It-Tribunal ghal darb'ohra jirrileva illi ma sab l-ebda prova quddiemu li tindika li l-

attur gie specifikament inkarigat bhala vettural u mhux bhala impjegat ta' xi wahda mis-socjetajiet konvenuti. Ghalhekk lanqas dan is-sub-artikolu m'huwa applikabbli.

Illi t-Tribunal jinnota li minn mindu giet prezentata l-ittra ufficcjali sa meta giet prezentata l-kawza odjerna lahqet ghaddiet sena; izda dan xorta mhuwiex rilevanti ladarba l-artikoli specifici citati mis-socjetajiet konvenuti mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern.

Illi finalment jinghad illi s-socjeta' konvenuta, bhala socjeta' li qieghda teccepixxi l-preskrizzjoni, ma mxietx skond dak dispost fl-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk anke proceduralment hemm mankanza serja li minhabba fiha, lil hinn mill-mertu tal-eccezzjoni per se, l-eccezzjoni tal-preskrizzoni ma tisthoqqx li tintlaqa'.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dwar it-tieni eccezzjoni mressqa minn kull wahda mis-socjetajiet konvenuti billi jichadhom u jordna l-prosegwiment tal-kawza. L-ispejjez ta' dan l-episodju qed ikunu riservati ghall-gudizzju finali.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur

<Sentenza in parte>